# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1372

| | |
|---|---|
| KAZ NRU. 1593 | Fil-Kwistjoni tax-Xoghol<br>bejn<br>Maria Storace<br>u<br>Effects Marketing Consultants Limited<br>dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta |

Data : 17 ta' Jannar, 2003

**Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

## Introduzzjoni

Illi b'ittra datata 14 ta' Novembru, 2001 l-appellanti kitbet lill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali biex jirreferi l-kaz taghha lil dan it-Tribunal liema referenza saret fil-15 ta' Novembru, 2001 ai termini tal-Kap. 266 illum Kap 451.

## Dikjarazzjonijiet tal-Kaz

L-appellanti tallega li kienet saret xi amalgamazzjoni tas-Socjeta' ntimata ma' xi kumpanija ohra, shabha gew mizmuma fuq

il-post tax-xoghol mentri x-xoghol taghha kien gie dikjarat ‘redundant’. Kienet solament montatura.

Da parti taghha, s-socjeta’ ntimata tallega li l-Workforce kollu taghha gie dikjarat ‘redundant’ minhabba nuqqas ta’ xoghol - kienet taghmel servizz biss ta’ pagament ta’ debiti biex tigi stralcjata.

## **Fatti**

Ray Debono f’isem is-Socjeta’ ntimata spjega li x-xoghol tas-socjeta’ intimata ma kienx sejjer tajjeb. Pero’ giet kostitwita socjeta’ gdida bl-isem ta’ Datatrak Multimedia Ltd. ma’ socji differenti fejn kien ser isir ix-xoghol attwali u xoghol iehor.

L-appellanti ma gietx offruta mpjieg ma’ din is-socjeta’ gdida. Is-socjeta’ ntimata waqfet topera ghal kollox. Dan gie konfermat anke minn Stephen McCarthy u Conrad Borg Manche’. L-enfasi tal-kumpanija l-gdida kien fuq web graphics mhux advertising u marketing bhas-socjeta’ ntimata.

Da parti taghha, l-appellanti stqarriet li minghaliha kienet ser tibda wkoll bhal kollegi taghha mad-Datatrak Multimedia Ltd. izda dana baqa’ ma rrizultax. Edwin Mallia, rapprezentant tal-E.T.C. ikkonferma min spicca minn mas-socjeta’ intimata u min gie ngaggat mas-socjeta’ l-gdida.

## **Konsiderazzjonijiet**

Jigi rilevat *ab initio* illi dan il-kaz qajjem certi diffikultajiet li m’humiex soliti. Huwa kaz fejn il-work force ta’ kumpanija kellu l-impjieg tieghu terminat ghax ghalqet u

hafna minnhom gew assunti minn kumpanija ohra fejn hu nvolut l-istess direttur/azzjonist principali. Giet kontestata l-assunzjoni o meno tal-appellanti da parti tas-socjeta' gdida Datatrak Multimedia Ltd., u li verament kien hemm kaz genwin ta' 'redundancy' jew le.

Illi dwar l-ewwel punt, il-kaz odjern ma jinkwadrax ruhu jekk terza parti li mhux qed tippartecipa fil-proceduri odjerni u ma tistax tiddefendi ruhha, dan it-Tribunal jistax jippronunzja ruhu dwar l-impjieg o meno tal-appellanti ma' din l-istess socjeta'. Kif gia enuncjat, it-Tribunal huwa limitat bit-'terms of remit' li huwa jircievi fl-iniziu tal-proceduri. Mhux il-kompitu tieghu anzi li jigi mitlub jew jiddikjara ma' min l-appellanti qieghda mpjegata, wara li l-impjieg taghha gie terminat min mas-socjeta' intimata.

Illi dwar it-tieni punt, is-socjeta' intimata pprevelat ruhha mid-difiza tar-'redundancy'. Din hija koperta bl-Art. 34(3) Kap. 135. Jidher li ma giex kontestat li l-istess socjeta' intimata waqfet topera. Irrizulta pero' mix-xhieda ta' l-istess socjeta' ntimata illi n-negozju taghha gie trasferit jew ahjar assunt minn socjeta' ohra, Datatrak Multimedia Ltd fejn id-direttur taghha huwa wiehed l-istess u azzjonist fit-tnejn, is-sur Ray Debono. Mhux hekk biss, izda hafna mill-impjegati taghha gew minnha assunti imma l-appellanti le. Billi s-socjeta' ntimata spiccat bla xoghol, allura ma kienx hemm in-necessita tal-haddiema. Jigi rilevat ukoll li l-istess Kap 135 ma kienx jipprovdi u/jew jipprospetta kaz simili – manuvra purament legali izda li ma tiehux in konsiderazzjoni id-drittijiet tal-haddiema nvoluti.

Bl-introduzzjoni tal-Kap 451 b'effett mill-1 ta' Jannar, 2003 sitwazzjoni simili hi provduta fejn gew imposti certi oneri fuq l-istess principal l-antik u l-principal potenzjali gdid (Vide Art. 36(3) (14)(g) 37 u 38).

Ghalkemm l-appellanti spiccat vittma ta' manuvra legali adoperata b'mod purament legalistiku fl-interess tal-interessi kummercjali tas-socjeta' intimata, it-Tribunal ma jistax jikkonfrontaha ghaliex ghandha tigi applikata l-ligi "dura lex sed lex".

## Konkluzzjoni

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li t-tkeccija mill-impjieg tal-appellanti ma kienitx wahda ngusta.

B'hekk din il-kwistjoni tax-xoghol giet definittivament terminata.

Ghall-fini ta' tassazzjoni qed tigi ffissata s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm25).

**(Iffirmat) Dr. Joseph P. Bonnici LL.D**
**CHAIRMAN**

**VERA KOPJA**

Vincent Micallef
Segretarju